# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


***Minuti tal-91 laqgha tal-Hames Kunsill Lokali li nzammet fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 14 ta' Dicembru 2010 fil-6:30 p.m.***

| ***Prezenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Kunsillieri** | Pio Fenech |
| | Michael Mifsud |
| | Alfred Muscat |
| **Agent Segretarju Ezekuttiv** | Fabian Mizzi |

***L-Agent S.E. informa li l-Vici Sindku kien infurmah permezz ta' email li ma kienx ser jattendi ghal din il-laqgha peress li kien ma jiflahx. Fic-cirkostanzi l-Kunsill qies din ir-raguni bhala wahda valida u ghalhekk gie dikjarat bhala skuzat ghal-laqgha.***

**1 Talba**

**1.1** Il-laqgha bdiet fis-6.30 p.m. billi intqalet it-talba.

**2 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Nru 91**

**2.1** Is-Sindku staqsa jekk xi hadd xtaqx jipproponi xi emendi fil-minuti ta' l-ahhar laqgha tal-Kunsill. Peress li ma kienx hemm emendi dawn gew approvati unanimament u iffirmati.

***Fuq talba tal-Kunsillier P. Fenech kien hemm qbil li l-Agenda ghandha tigi sospiza u li l-items jigu diskussi f'din l-ordni : 4,7,3,5,6 u 8. Dan peress li hu ma setax ikun prezenti wara s-7.30pm. Dan it-talba giet approvata unanimament.***

**4 Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti**

**4.1** L-Agent S.E. ipprezenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti / mhallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-ufficcju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet giet ippublikata l-Agenda. Dawn kollha gew approvati unanimament. Gie unanimament approvat ukoll il-hlas ta' € 41.30 lil Ing. Spiteri, € 72.00 lil Galea Enterprises Ltd. u € 152.37 lil Fabian Mizzi.

**7 Materji Ohra u Mistoqsijiet**

**7.1** Gie unanimament approvat li jsir *service* tat-3 *fire extinguishers* li ghandna fil-bini tal-Kunsill.

**7.2** Gie unanimament approvat li jitqabbad Daniel Bezzina sabiex jaghmel ix-xoghol tad-dawl necessarju sabiex ikun jista jitqabbad l-appart tal-*Wi-Fi* ghal Gnien il-Paci.

**7.3** L-Agent S.E. informa li 2 tabelli li kienu twahhlu dan l-ahhar fi Triq Ghaxqet l-Ghajn kienu nsterqu bl-arbli b'kollox. Dwar dan kien sar rapport fl-Ghassa tan-Naxxar.

**7.4** L-Agent S.E. informa li l-Pulizija tad-Distrett kienu nfurmawh li kien sar sgass fil-bini tal-Ghassa tal-Pulizija liema bini fih ukoll l-berga lokali u l-ex ufficcju tal-Kunsill Lokali. Hu ikkonferma li ma kien insteraq xejn mill-ex ufficcju tal-Kunsill Lokali u li l-Pulizija kienu identifikaw il-persuna li wettqet dan l-isgass.

**7.5** L-Agent S.E. informa li l-*crash barriers* li kienu gew approvati minn TM ghan-nizla ta' Ghar San Brinkat kienu bdew jehlu.

**7.6** Gie unanimament deciz li b'effett minn Jannar 2011, is-servizz ta' knis permezz tal-*Mechanical Sweeper* ghandu jigi sospiz u li jibda jsir knis manwali. L-Agent S.E. ser ihejja skeda gdida ta' knis ghaz-zewg kenniesa li ghandna fir-rahal.

**7.7** Is-Sindku nforma li ghada l-Erbgha, l-membri tal-Kunsill u l-i*staff* kienu mistiedna ghal *drinks* organizzati mill-Kumitat Kongunt filwaqt li ghada kien hemm ukoll il-*Green Council Awards* li hu flimkien mal-Kunsillier A. Muscat u l-Agent S.E. kienu ser jattendu ghalihom.

**7.8** Il-Kunsillier A. Muscat informa li l-attivita' tal-Milied ghall-anzjani kienet ser issir nhar it-Tlieta 28 ta' Dicembru fid-9:30 am.

**7.9** L-Agent S.E. ipprezenta lill-Kunsill lista ta' *Fixed Assets* li hemm bzonn jigu *written off*. Din giet approvata unanimament. L-Agent S.E. informa li l-ezercizzju li hemm bzonn isir fil-kotba tal-Kunsill Lokali dwar l-*Fixed Assets* ser ikun lest sal-laqgha li jmiss tal-Kunsill Lokali.

***Fis-7:35pm il-Kunsillier P. Fenech halla l-laqgha minhabba mpenji ohra u fl-istess hin il-Kunsillier M. Mifsud inghaqad mal-Kunsill.***

**7.10** Il-Kunsillier M. Mifsud issuggerixxa li l-Kunsill jorganizza kors ta' *Boat Operator* peress li minn Jannar li gej kull operatur ta' dghajsa jrid ikollu licenzja biex isuq id-dghajsa. Il-Kunsill unanimament qabel li jesplora din il-possibilita' u jingiebu xi stimi sabiex jigu ikkunsidrati.

**7.11** L-Agent S.E. ipprezenta l-*Purchases Ledger* ghas-sena 2010 u dan gie approvat unanimament.

**7.12** Is-Sindku nforma li l-Enemalta kienu nfurmawna li riedu jghaddu *cable* minn parti minn Triq San Gwann u li dan ix-xoghol ser isir minn Philip Agius Ltd. u mistenni jiehu madwar 3 gimghat. Dwar dan ix-xoghol kien ser isir *traffic management* mill-istess kuntrattur u vetturi mhux ser ikunu jistghu jidhlu r-rahal minn Triq San Gwann imma johorgu biss. Id-dhul ser ikun minn Triq Naxxar. Gie unanimament deciz li r-residenti li joqghodu fejn ser isiru x-xoghlijiet jigu infurmati permezz ta' cirkulari kif ukoll li jitwahhlu avvizi madwar ir-rahal. Aktar dettalji jinghataw fil-laqgha li jmiss.

## 3 Punti mtella' mill-minuti

**3.1** ***Para 3.1 – Devoluzzjoni Xelter****:* Is-Sindku nforma li konna gejna nfurmati li x-xoghol fuq l-entratura tax-xelter ser jitkompla f'Jannar 2011.

**3.2** ***Para 3.2 – Ftehim Green MT:*** L-Agent S.E. informa li konna ghadna qed nistennew it-tieni pagament minghand Green MT.

**3.3** ***Para 3.3 – Bring-In Site :*** L-Agent S.E. informa li kien gie nfurmat mill-WasteServ li sa nhar il-Gimgha ghandha tkun iddahhlet l-applikazzjoni l-MEPA.

**3.4** ***Para 3.4 – Offerti :***Rigward Triq Naxxar wara li sar *main* gdid ta' l-ilma (iffinanzjat mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma) gie unanimament approvat li ssir bankina gdida peress li dik ezistenti kienet tkissret minhabba s-servizzi filwaqt li fi Triq Indipendenza, l-bankina kienet saret u issa jonqos li jsir *scarifying* u jinghata t-*tarmac*. Ix-xoghol fuq iz-zewg toroq mistenni jitlesta fil-granet li gejjin.

Rigward Triq Indipendenza l-Agent S.E. informa li hu kien kellem liz-zewg sidien taz-zewg *plots* fejn it-triq ghadha ma gietx iffurmata. Hu qal li dawn qeghdin jippretendu li l-Kunsill jiffinanzja t-thammil tal-*plots*, il-garr tal-materjal u l-bini tal-*boundary wall*. Il-Kunsill innota li wiehed mis-sidien suppost li diga fforma t-triq peress li l-plot giet zviluppata u in konformi mal-kundizzjonijiet tal-permess tal-MEPA. Il-Kunsill unanimament iddecieda li ma jilqax it-talba ta' dawn iz-zewg sidien peress li bhala Kunsill ma nistghux naghmlu xoghol fi propjeta' private. Jekk dawn iz-zewg sidien ma jikkoperawx, il-kisi bit-*tarmac* isir biss fil-parti tat-triq li hi pubblika u dan minkejja li parti mit-triq ser tibqa dejqa.

Rigward Triq San Gwann, gie unanimament deciz li wara li jitlesta ix-xoghol tat-tqeghid ta' *cable* mill-Korporazzjoni Enemalta (ara aktar l-isfel), isir *main* gdid ta' l-ilma u s-servizzi tad-djar, *scarifying* u jinghata t-tarmak. Il-Kunsill qabel li jiffinanzja x-xoghol infrastrutturali relatati mal-bdil tal-*main* ta' l-ilma u s-servizzi.

Rigward Triq tal-Ferha u Triq Ghaxqet l-Ghajn gie unanimament deciz li ma jsirx *scarifying* komplet izda isir *tarmac* gdid fuq il-wicc ezistenti.

L-Agent S.E. intalab sabiex sa laqgha ohra jiehu hsieb jipprezenta stimi aggornati mill-perit dwar ix-xoghlijiet fit-toroq skond kif deciz hawn fuq.

**3.5** ***Para 3.5 – Xoghol Latrina Pubblika:*** L-Agent S.E. informa li kien lahaq ftehim mal-kuntrattur dwar il-penali li ser tigi applikata bhala kumpens ghad-dewmien fit-tlestija tax-xoghol u ghalhekk l-ammont approvat aktar il-fuq (ara skeda tal-pagamenti) gie accettat mill-Kunsill. Gie unanimament approvat li nixtru tip ta' *spray* sabiex jitnehhew certi rwejjah li gieli jkun hemm fil-post filwaqt li l-Agent S.E. jinforma lill-kuntrattur li jnaddaf il-latrina sabiex iwettaq xoghol ahjar.

Gie deciz li issir talba lid-Dipt ghall-Gvern Lokali sabiex il-Kunsill jigi moghti l-ahhar pagament ta' l-ghotja allokata issa li x-xoghol tlesta.

**3.6** ***Para 3.6 – Gnien tal-Ponta:*** L-Agent S.E. informa li konna ghadna rridu niktbu lill-MEPA dwar it-tibdil li sar mid-*designer* fuq il-progett. Peress li din il-materja ilha pendent ghal diversi gimghat l-Agent S.E. intalab isegwi aktar mill-qrib.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

3.7 ***Para 3.11 – Kotba ghal Librerija Lokali:*** L-Agent S.E. ikkonferma li l-kotba kollha kienu ttiehdu l-Librerija Pubblika sabiex jigu kategorizzati.

3.8 ***Para 3.12 – Tabella Latrina Pubblika*:** L-Kunsillier A. Muscat informa li t-tabella kienet wehlet.

3.9 ***Para 3.15 – Hitan Imgarrfa bil-Maltemp:*** L-Agent S.E. informa li x-xoghol fuq il-hajt fi Triq Ghaxqet l-Ghajn kien tlesta kif approvat filwaqt li dwar dak fi Triq il-Gnien kien ser jinhareg *tender* mid-Dipt. tax-Xoghlijiet.

3.10 ***Para 3.16 – Bozza mghottija bis-Sigar:*** L-Agent S.E. informa li huwa kien mar fuq il-post flimkien mal-kuntrattur u dan kien issuggerixxa li jew il-bozza titwahhal ma arblu fuq il-bankina jew li l-bozza tghola aktar il-fuq minn kif inhi prezentament. Gie unanimament deciz li din ghandha tghola l-fuq imma tibqa mwahhla mal-hajt.

3.11 ***Para 3.18 – Hmieg tal-Hamien :*** L-Agent S.E. informa li hu kien kellem lis-sid tal-hamien u dan kien weghdu li ser jibda jnaddaf il-bankijiet. Il-Kunsillier A. Muscat qal li l-bankijiet ta' kuljum qed ikunu mahmugin. Gie unanimament deciz li l-Agent S.E. jerga ikellem lis-sid tal-hamiem.

3.12 ***Para 3.21 – Lift:*** L-Agent S.E. informa li l-ispezzjoni kienet saret.

3.13 ***Para 3.22 – Attivita' Milied Ghar San Brinkat:*** L-Agent S.E. informa li l-Vici Sindku kien infurmah li ghal din l-attivita kienu ser ikantaw Benny u Tonia ghal hlas ta' € 70 kif ukoll il-kor tat-tfal tal-Parrocca. Gie unanimament approvat li tigi accettata t-talba ta' Transient Ltd. ghall-provvista ta' generator dawl u PA system ghas-somma ta' € 215.70.

3.14 ***Para 3.24 – Tiswija Kompjuter:*** L-Agent S.E. ipprezenta *quotation* ghat-tiswija tal-kompjuter li jintuza mill-pubbliku ghal € 219.55. Gie unanimament deciz li decizjoni sabiex jissewwa l-kompjuter tittiehed aktar il-quddiem.

3.15 ***Para 3.25 – Restawr Pittura:*** Is-Sindku nforma li l-pittura restawrata kienet ingiebet ir-rahal il-bierah u prezentament qed tinzamm fis-sagristija tal-Knisja Parrokkjali. Huwa qal li aktar il-quddiem ser issir ic-cerimonja sabiex tigi inawgurata l-pittura kif restawrata. Gie unanimament deciz li issir plakka kommemorattiva.

3.16 ***Para 5.1 – Membrane fuq Hajt tas-Sejjieh:*** L-Agent S.E. informa li r-rapport lill-MEPA kien sar.

3.17 ***Para 5.4 – Bank fi Triq Stiefnu Zerafa:*** L-Agent S.E. informa li l-bank kien tnehha kif approvat.

3.18 ***Para 5.6 – Tabella Cul-de-Sac :*** L-Agent S.E. informa li t-tabella ghad trid tehel.

3.19 ***Para 6.1 – Applikazzjoni MEPA :*** L-Agent S.E. informa li l-ittra lill-MEPA kienet intbghatet kif approvat filwaqt li kienet inharget *Stop Notice* ghax-xoghlijiet li saru minghajr permess.

**3.20** ***Para 7.1 – Speed Humps :*** L-Agent S.E. informa li sa issa kienu wehlu l-ewwel 3 fi Triq Ghaxqet l-Ghajn kif approvat.

**3.21** ***Para 7.2 – Jum il-Premjazzjoni :*** L-Agent S.E. informa li l-kotba li ser jinghataw bhala premju kienu nxtraw kif approvat.

**5** **Ilmenti u Suggerimenti**

**5.1** Ilment minn resident dwar vetturi li qed jipparkjaw fuq il-*Yellow Lines* vicin ir-residenza taghha bil-konsegwenza li ma tkunx tista tidhol jew tohrog mill-*garage* taghha.

Wara diskussjoni gie unanimament deciz li fic-cirkustanzi l-Kunsill ma jista jaghmel xejn u r-residenta ghandha tinforma lill-pulizija meta jkun hemm kontravenzjonijiet simili.

**5.2** Ilment dwar *pots* quddiem residenza privata fi Triq il-Kbira fejn intalbet it-tnehhija taghhom. Ir-resident li ghamel dan l-ilment diga ghamel rapport mal-pulizija.

Il-Kunsill qabel unanimament li ma jsibx oggezzjoni jekk il-Pulizija tinforza t-tnehhija tal-*pots* u l-Agent S.E. ghandu jinforma lill-Pulizija bil-posizzjoni tal-Kunsill.

**5.3** Ilment minn resident peress li xi residenti qed johorgu l-borza s-sewda anke nhar ta' Tlieta.

Gie unanimament deciz li l-Kunsill jibghat ittra lir-residenti li joqghodu fit-triq fejn joqghod min ghamel l-ilment.

**5.4** Ilment minn residenta dwar il-fatt li l-karozza tal-linja fuq ir-rotta 56 mhux dejjem tghaddi minn Triq Caravaggio.

Dan l-ilment gie mghoddi lill-TM .

**5.5** Talba minghand resident sabiex issir bankina quddiem propjeta, tieghu fi Triq Caravaggio u Triq Mattia Preti.

Peress li l-bankina f'dawn il-postijiet qatt ma saret, gie unanimament approvat li din it-talba tigi milqugha.

**5.6** Talba minghand resident sabiex titranga l-bankina fi Triq Stiefnu Zerafa kantuniera ma' Triq Naxxar.

Gie unanimament deciz li l-Kunsill jilqa din it-talba bil-kundizzjoni li r-resident jaccetta li tigi iffurmata t-triq skond billi l-bankina l-gdida tkun ta' l-istess wisgha tal-kumplement tal-bankina fi Triq Stiefnu Zerafa.

**6** **Korrispondenza**

**6.1** Korrispondenza varja li rcivejna mill-ahhar laqgha sa llum minghand il-MEPA dwar zviluppi fil-lokalita'.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.2** Kopja tar-rapport ta' l-ispezzjoni tal-*lift* li saret dan l-ahhar.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie deciz li niehdu hsieb li jkollna r-*registration number* fil-kabina kif gie irrakkomandat.

**6.3** Korrispondenza minghand il-Korporazzjoni Enemalta dwar offerta li jaghmlu tahdidiet dwar l-uzu ahjar ta' l-energija.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie unanimament deciz li issir laqgha fil-vicin ghar-residenti.

**6.4** Korrispondenza minghand id-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura 2018.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie unanimament deciz li ghandna niffirmaw ic-*charter* kif suggerit mid-Dipartiment.

**6.5** Korrispondenza minghand TM dwar il-bzonn ta' manutenzjoni kontinwa fit-toroq.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.6** Korrispondenza minghand l-AKLM dwar twahhil ta' *noticeboards* tal-MEPA.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie unanimament deciz li dan isir fi Triq San Gwann magenb l-*Open Board*.

**6.7** Korrispondenza minghand l-AKLM dwar il-Laqgha tas-Sindki li ser issir fil-21 u 22 ta' Jannar 2011.

Din il-korrispondenza giet innotata. Is-Sindku informa li hu kien ser jattendi.

**8 Aggornament**

**8.1** Il-laqgha giet aggornata fid-9:00 p.m. wara li l-*items* fuq l-Agenda gew ezawriti u gie unanimament deciz li laqgha ohra ssir nhar L-Erbgha 5 ta' Jannar 2011 fis-6:00 p.m. Is-Sindku u l-Kunsillieri awguraw Milied hieni u Sena gdida mimlija risq u ferh lir-residenti kollha.

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Fabian Mizzi** | **5 ta' Jannar 2011** |
| **Sindku** | **Agent Segretarju Ezekuttiv** | **Data** |